# Editorjal

## Għadd kbir ta' studenti tal-Letteratura Maltija

Fil-Liċeo Ġan Franġisk Abela fl-Imsida hemm mijiet ta' studenti jsegwu kors fil-Letteratura Maltija. Dan hu żgur riżultat mill-isbaħ tal-ħidma kbira u tal-kompetenza ta' l-għalliema fil-Liċeo, fejn toħroġ ukoll ir-rivista *Analiżi*, pubblikazzjoni ta' l-ogħla livell li swiet mhux ftit biex tat xeħta ta' serjetà ġdida lill-istudju letterarju Malti u biex tejbet u xerrdet l-interess fost eluf kbar ta' studenti. Fl-Università, fi ħdan il-Fakultajiet ta' l-Edukazzjoni u ta' l-Arti hemm għadd kbir ta' studenti tal-Malti, u bejniethom isawru wieħed mill-akbar gruppi f'Tal-Qroqq.

L-Għaqda tal-Malti (Università) hi kburija b'dan kollu u tifraħ u ssellem lil dawk kollha li wasslu biex iseħħ dan kollu. Min-naħa tagħha l-Għaqda taħdem bla waqfien biex tqanqal interessi ġodda fil-Letteratura Maltija u biex twassal il-kelma tagħha lill-eluf ta' studenti fl-Università. Kulħadd jaf li l-Għaqda għandha programm ta' ħidma ta' kull tip, programm li llum jaf bih il-pajjiż kollu. Hemm għadd ta' proġetti ġodda li l-Għaqda tittama li jseħħu fi żmien qasir.

Din hi qagħda li forsi qatt ma kien hawn bħalha qabel, u hi awgurju mill-isbaħ għall-ġejjieni. L-isfida tal-Letteratura hi li tkun rilevanti għall-poplu kollu, u l-aktar għaż-żgħażagħ. Illum il-Letteratura Maltija moderna nfetħet, kibret u stagħniet, waqt li laħqet livelli tassew għoljin. L-Għaqda trid timpenja ruħha biex tara li minn ħdanha wkoll joħorġu kittieba ġodda, serji, imħejjija tajjeb, b'għajnejhom miftuħin beraħ fuq il-kwistjonijiet tipiċi tas-soċjetà, u tad-dinja lejliet seklu ġdid.

L-Għaqda, magħmula minn mijiet ta' studenti u oħrajn, tħares 'il quddiem b'fiduċja akbar minn qabel.